IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2013
COM(2013) 338 final

2013/0177 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Awstrija u lil Malta biex jaderixxu mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta’ Novembru 1965 dwar in-Notifika barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali fl-interess tal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. L-iskop tal-proposta

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-Notifika barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali (minn hawn 'il quddiem: il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika) tistipula l-mezzi ta' trażmissjoni li għandhom jintużaw meta dokument ġudizzjarju jew extraġudizzjarju irid jiġi trażmess minn Stat Kontraenti tal-Konvenzjoni għal Stat Kontraenti ieħor għan-notifika f'dan tal-aħħar. Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika tissimplifika l-metodu ta' trażmissjoni ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji. Il-mezz ewlieni ta' trażmissjoni, minflok il-mezzi konsulari u diplomatiċi, huwa permezz ta' Awtorità Ċentrali, li tinnotifika d-dokumenti jew tieħu passi biex tara li jiġu innotifikati. Il-Konvenzjoni tistipula wkoll bosta metodi alternattivi ta' trażmissjoni (pereż. permezz tal-posta). Hija għandha wkoll l-għan li tistabbilixxi sistema li, sa fejn hu possibbli, in-notifika effettiva tad-dokument tiġi mgħoddija lir-riċevitur fi żmien suffiċjenti sabiex ikun jista' jiddefendi lilu nnifsu. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni tagħmilha faċli biex ikun ippruvat li n-notifika twettqet barra mill-pajjiż, permezz ta' ċertifikati li jinsabu f'mudell uniformi.

Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika taqa' taħt il-kompetenza esterna esklussiva tal-Unjoni Ewropea wara l-adozzjoni ta' regoli interni tal-Unjoni dwar is-servizz ta' dokumenti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000, imħassar bir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000[1]. Konsegwentement, l-Istati Membri ma jistgħux jikkonkludu l-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika mingħajr ma jiġu awtorizzati biex jagħmlu dan.

Erbgħa u għoxrin Stat Membru aderixxew mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika qabel l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-bqija tal-Istati Membri li jridu jiġu awtorizzati sabiex jaderixxu mal-Konvenzjoni huma l-Awstrija u Malta[2].

Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li l-Kunsill jawtorizza lill-Awstrija u lil Malta biex jaderixxu mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika fl-interess tal-Unjoni Ewropea. Il-Konvenzjoni ma għandhiex klawsola li tippermetti l-UE nnifisha li taderixxi.

1.2. L-importanza ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika

Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika, ladarba ttejjeb it-trażmissjoni tad-dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji barra mill-pajjiż hija partikolarment importanti għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għaliex taġevola l-koperazzjoni ġudizzjarja f'litigazzjoni

1 Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000, ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79.

2 Malta diġà ddepożitat l-istrument tagħha ta' adeżjoni mingħajr ma ġiet awtorizzata, u l-Kummissjoni ħadet il-miżuri meħtieġa. Wara l-adeżjoni, fl-1 ta' Awwissu 2012, Malta għamlet id-dikjarazzjoni li ġejja: "Malta tiddikjara li l-adeżjoni tagħha mal-Konvenzjoni se tidħol fis-seħħ wara t-tlestija tal-proċeduri marbuta mal-imsemmija adeżjoni tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lil Malta biex taderixxi ma' din il-Konvenzjoni. Ladarba din l-adozzjoni sseħħ, Malta se tinnotifika lid-depożitarju bid-data ta' meta l-imsemmija Konvenzjoni se ssir applikabbli għal Malta" (id-dikjarazzjoni hija ppubblikat fuq il-websajt tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat http://www.hcch.net/index_en.php?act=status.comment&csid=1101&disp=eif).

transfruntiera ma' Stati terzi, partijiet tal-Konvenzjoni. Il-Konvenzjoni hija b'mod ġenerali ratifikata, attwalment fiha 67 Stati Kontraenti.
L-Awstrija u Malta esprimew l-interess tagħhom li jaderixxu mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika.
L-adeżjoni tagħhom mal-Konvenzjoni tkun tikkorrispondi mal-impenn politiku li jaderixxu mal-istrumenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat, meta jkun hemm interess tal-UE, li ttieħed mill-UE meta saret membru tal-Konferenza tal-Aja fl-2007.
Barra minn hekk, l-UE fir-relazzjonijiet esterni tagħha kienet qed tippromwovi l-adeżjoni ta' pajjiżi terzi mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika bħala sistema effiċjenti u affidabbli għan-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji. Jekk l-Istati Membri kollha tal-UE stess ikunu Stati Kontraenti tal-Konvenzjoni, ikunu koerenti ma' dan l-approċċ

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Fil-grupp ta' ħidma rilevanti fil-Kunsill, l-Awstrija u Malta kkonfermaw l-interess tagħhom li jaderixxu mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika. L-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat wera l-interess ta' pajjiżi terzi tal-Konvenzjoni biex din tiġi estiża għall-Istati Membri kollha tal-UE.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Il-kompetenza tal-UE fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika.

Skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-każistika[3] tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, il-kwistjoni ta' notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji taqa' taħt il-kompetenza esklussiva esterna tal-Unjoni Ewropea, minħabba l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni interna tal-Unjoni permezz tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali. L-Istati Membri għalhekk m'għadx għandhom id-dritt li jagħmlu obbligi kuntrattwali ma' pajjiżi terzi li jaffettwaw dawn ir-regoli.
B'mod partikolari, l-Artikolu 3(2) tat-TFUE jistipula li l-Unjoni għandha l-kompetenza esklussiva biex tikkonkludi ftehim internazzjonali, anki sal-punt meta konklużjoni tagħha tista' tolqot regoli komuni jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Skont din ir-regola, f'konformità mal-każistika, ftehim jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE meta jkun jista' jiġi muri li s-suġġett tal-ftehim jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' regoli komuni interni, jew taħt qasam li fil-biċċa l-kbira tiegħu hu diġà kopert minn regoli bħal dawn, jew ir-regoli ġew adottati f'oqsma li jaqgħu barra politiki komuni u, b'mod partikolari, f'oqsma fejn hemm miżuri ta' armonizzazzjoni, irrispettivament minn jekk hemmx jew ma hemmx kontradizzjoni bejn dawn ir-regoli komuni u l-Ftehim.
Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 japplika għal materji ċivili u kummerċjali meta huwa meħtieġ li jiġu trażmessi dokumenti ġudizzjarji jew extraġudizzjarji li jridu jiġu nnotifikati minn Stat Membru għall-ieħor. Aġenziji maħtura mill-Istati Membri huma responsabbli biex jittrażmettu u jirċievu dokumenti. Ir-Regolament iwaqqaf sistema li tirrifletti dik ipprovduta mill-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika, għalhekk is-suġġett tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika jaqa' ċar u tond fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni interna tal-UE. Għaldaqstant, l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fuq il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika.

[3] L-Opinjoni tal-Qorti 1/03 tas-7 ta' Frar 2006 dwar il-kompetenza tal-Komunità biex tikkonkludi l-Konvenzjoni l-ġdida ta' Lugano dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, ir-rapporti tal-Qorti Ewropea tal-2006 Paġna I-01145.

Minbarra dan, l-UE diġà eżerċitat il-kompetenza esterna tagħha fil-kwistjoni tan-notifika ta' dokumenti billi kkonkludiet ftehim internazzjonali mad-Danimarka dwar in-notifika ta' dokumenti[4].

3.2. Awtorizzazzjoni tal-Istati Membri

Peress li l-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika ma għandha l-ebda klawżola dwar l-Organizzazzjonijiet Reġjonali Ekonomika, mhuwiex possibbli għall-Unjoni Ewropea li ssir Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant jeħtieġ li l-Unjoni teżerċita s-setgħat tagħha permezz tal-Istati Membri tagħha, u allura tawtorizza lill-Istati Membri ikkonċernati biex jaderixxu mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika, fl-interess tal-Unjoni. Hemm diversi preċedenti fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, l-aktar wieħed reċenti jidher fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/431/KE li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jirratifikaw, jew jaderixxu ma', fl-interess tal-Komunità Ewropea, Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Koperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal u li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tal-liġi Komunitarja[5].

Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika tagħti l-possibbiltà lill-Istati Kontraenti li jagħmlu dikjarazzjonijiet fir-rigward ta' numru ta' dispożizzjonijiet tagħha, pereżempju, l-Artikolu 8(2), l-Artikolu 10, l-Artikolu 15(2), l-Artikolu 16(3). L-Istati Membri tal-UE, l-Istati Kontraenti tal-Konvenzjoni, għamlu diversi dikjarazzjonijiet. Is-sitwazzjoni mhix uniformi: pereżempju għadd ta' Stati Membri għamlu dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 8(2) li jagħti lill-aġenti diplomatiċi u konsulari s-setgħa biex jgħaddu d-dokumenti f'pajjiżhom biss, filwaqt li xi oħrajn opponew biss għall-metodi ta' trażmissjoni provduti fl-Artikolu 10. Dikjarazzjonijiet skont l-Artikolu 16(3) li jipprevedu l-applikazzjoni ta' eżenzjoni huma differenti għal dak li pereżempju għandu x'jaqsam mal-limitu ta' żmien sabiex timtela l-applikazzjoni. F'dan l-isfond, mhuwiex raġonevoli li l-Istati Membri kkonċernati jkunu meħtieġa jagħmlu dikjarazzjoni(jiet) uniformi, jekk ikun hemm. Bħala konklużjoni, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, meta jaderixxu mal-Konvenzjoni, jagħmlu d-dikjarazzjonijiet kollha xierqa permessi taħt id-dispożizzjonijiet tagħha, li huma jħossu li huma meħtieġa. Madankollu, it-test ta' dawn id-dikjarazzjonijiet għandu jkun mehmuż mad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

[4] Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka, dwar ġuriżdizzjoni, rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU L 299, 16 11 2005, p. 62.

[5] ĠU L 151, 11,06.2008, p. 36.

2013/0177 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Awstrija u lil Malta biex jaderixxu mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-Notifika barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali fl-interess tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 81(2) u 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew[6],

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-Notifika barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika") tissimplifika metodi ta' trażmissjoni ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji bejn l-Istati Kontraenti. B'hekk tiffaċilita l-koperazzjoni ġudizzjarja f'litigazzjoni ċivili u kummerċjali transkonfinali. Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika ġiet b'mod ġenerali ratifikata globalment. Il-promozzjoni ta' adeżjoni minn Stati terzi mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika hija parti mill-politika esterna tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja ċivili.

(2) L-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva esterna rigward il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika safejn id-dispożizzjonijiet tagħha jaffettwaw ir-regoli stipulati mir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000[7].

(3) Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika mhijiex miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali. B'riżultat ta' dan, l-Unjoni Ewropea mhix f'pożizzjoni li taderixxi mal-Konvenzjoni.

(4) Peress li l-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika hija importanti għall-interessi tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill għandu jawtorizza lill-Istati Membri li ma kkonkludewx il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika qabel l-adozzjoni tal-miżuri tal-Unjoni, sabiex jaderixxu mal-Konvenzjoni fl-interess tal-Unjoni Ewropea, suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. L-Istati Membri li lilhom hija indirizzata din id-Deċiżjoni huma l-Awstrija u Malta.

(5) Il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika tagħti l-possibbiltà lill-Istati Kontraenti li jagħmlu dikjarazzjonijiet rigward għadd ta' dispożizzjonijiet tagħha. Għaldaqstant, l-

[6] ĠU C , , p. .
[7] ĠU L 324, 10,12.2007, p. 79.

Awstrija u Malta, meta jaderixxu mal-Konvenzjoni, għandhom jagħmlu d-dikjarazzjonijiet kollha xierqa permessi taħt id-dispożizzjonijiet tagħha, li huma jħossu li huma meħtieġa. It-test ta' dawn id-dikjarazzjonijiet għandu jkun mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

(6) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbutin bir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000[8] u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(7) B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Bla ħsara għas-setgħat tal-Unjoni Ewropea, l-Awstrija u Malta jaderixxu mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-Notifika barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

2. It-test tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika jinsab fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Meta l-Awstrija u Malta jaderixxu mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika, jagħmlu d-dikjarazzjonijiet xierqa li huma permessi skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni.

2. It-test tad-dikjarazzjonijiet jinsab fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri kkonċernati jieħdu l-passi meħtieġa biex jiddepożitaw l-istrumenti tal-adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika fi żmien raġonevoli u, jekk possibbli, qabel il-31 ta' Diċembru 2014.

2. L-Istati Membri kkonċernati jgħarrfu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, qabel l-1 ta' Lulju 2014, bid-data prospettiva ta' meta se jiġu konklużi l-proċeduri għall-adeżjoni tagħhom.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Artikolu 5

[8] ĠU L 324, 10,12.2007, p. 79.

Meta l-Awstrija u Malta jaderixxu mal-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika, jinformaw lill-Uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat bil-miktub li l-adeżjoni seħħet bi qbil ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 6

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Awstrija u Malta skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

KONVENZJONI DWAR IN-NOTIFIKA BARRA L-PAJJIŻ TA' DOKUMENTI ĠUDIZZJARJI U EXTRAĠUDIZZJARJI FI KWISTJONIJIET ĊIVILI JEW KUMMERĊJALI

(Konkluża fil-15 ta' Novembru 1965)

L-Istati firmatarji tal-Konvenzjoni preżenti,

Bix-xewqa li joħolqu l-mezzi xierqa biex jiġi żgurat li dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji jiġu nnotifikati barra l-pajjiż, dawn għandhom jinġiebu għall-attenzjoni tad-destinatarju fi żmien suffiċjenti,

Bix-xewqa li tittejjeb l-organizzazzjoni tal-assistenza ġudizzjarja reċiproka, għal dan l-għan, il-proċedura tissimplifika ruħha u titħaffef,

Iddeċidew li jikkonkludu Konvenzjoni għal dan il-għan, u ftiehmu dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni attwali tapplika fil-każijiet kollha, fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, meta tinqala' l-okkażjoni biex jiġi trażmess dokument ġudizzjarju jew extraġudizzjarji għal notifika barra mill-pajjiż.

Din il-Konvenzjoni ma tapplikax meta l-indirizz tal-persuna li għandha tiġi nnotifikata bid-dokument ma jkunx magħruf.

KAPITOLU I — ID-DOKUMENTI ĠUDIZZJARJI

Artikolu 2

Kull Stat Kontraenti jaħtar Awtorità Ċentrali li tieħu l-inkarigu li tirċievi t-talbiet għal notifiki li ġejjin minn Stati Kontraenti oħra u li tipproċedi f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 3 sa 6.

Kull Stat jorganizza l-Awtorità Ċentrali skont il-liġi tiegħu stess.

Artikolu 3

L-awtorità jew l-uffiċjal ġudizzjarju kompetenti skont il-liġi tal-Istat li fih ikunu oriġinaw id-dokumenti, jibagħtu talba lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat li jkun indirizzatli tikkonforma mal-mudell anness ma' din il-Konvenzjoni, mingħajr kwalunkwe rekwiżit ta' legalizzazzjoni jew formalità oħra ekwivalenti.

Id-dokument li għandu jkun innotifikat, jew kopja tiegħu, jiġu annessi mat-talba. Kemm it-talba kif ukoll id-dokument jingħataw f'żewġ kopji.

Artikolu 4

Jekk l-Awtorità Ċentrali tqis li t-talba ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni attwali, tgħarraf minnufih lill-applikant u tispeċifika l-oġġezzjonijiet tagħha għat-talba.

Artikolu 5

L-Awtorità Ċentrali tal-Istat indirizzat tinnotifika d-dokument hi stess, jew tirranġa sabiex tara li jkun innotifikat permezz ta' aġenzija xierqa, jew —

(a) permezz ta' metodu preskritt mil-liġi interna tiegħu għan-notifika ta' dokumenti f'azzjonijiet domestiċi għal persuni li jinsabu fit-territorju tiegħu, jew

b) permezz ta' metodu partikolari mitlub mill-applikant, dejjem jekk dan il-metodu jkun konformi mal-liġi tal-Istat indirizzat.

Suġġett għas-subparagrafu (b) tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, id-dokument jista' dejjem jiġi nnotifikat lil destinatarju li jaċċettah b'mod volontarju.

Jekk id-dokument għandu jkun innotifikat skont l-ewwel paragrafu t'hawn fuq, l-awtorità ċentrali tista' titlob biex id-dokument jinkiteb, jew jiġi tradott fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat indirizzat.

Din il-parti tat-talba, fil-formola mehmuża ma' din il-Konvenzjoni, li tinkludi sommarju tad-dokument li għandu jkun innotifikat, għandha tkun innotifikata mad-dokument.

Artikolu 6

L-Awtorità Ċentrali tal-Istat indirizzat jew kwalunkwe awtorità li setgħet ġiet maħtura għal dan l-iskop, timla ċertifikat fil-forma tal-mudell anness ma' din il-Konvenzjoni.

Iċ-ċertifikat jiddikjara li d-dokument ġie nnotifikat u għandu jinkludi fih il-metodu, il-post u d-data tan-notifika u l-persuna li lilha d-dokument ġie mgħoddi. Jekk id-dokument ma jkunx ġie nnotifikat, iċ-ċertifikat jagħti r-raġunijiet li impedixxew in-notifika.

L-applikant jista' jitlob li ċertifikat li ma jkunx tlesta minn Awtorità Ċentrali jew minn awtorità ġudizzjarja, jiġi iffirmat ukoll minn waħda minn dawn l-awtoritajiet.

Iċ-ċertifikat jintbagħat direttament lill-applikant.

Artikolu 7

It-termini standard fil-mudell anness ma' din il-Konvenzjoni jinkitbu f'kull każ bil-Franċiż jew bl-Ingliż. Dawn jistgħu wkoll jinkitbu bil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat li minnu jkunu oriġinaw id-dokumenti.

L-ispazji bojod korrispondenti jiġu mimlija jew bil-lingwa tal-Istat indirizzat jew bil-Franċiż jew bl-Ingliż.

Artikolu 8

Kull Stat Kontraenti huwa liberu li jagħmel notifika ta' dokumenti ġudizzjarji fuq persuni li jabitaw barrra l-pajjiż, mingħajr l-applikazzjoni ta' xi obbligazzjoni, direttament permezz tal-aġenti tiegħu diplomatiċi jew konsulari.

Kwalunkwe Stat jista' jiddikjara li joġġezzjona għal notifika bħal din fit-territorju tiegħu, sakemm id-dokument mhux se jiġi nnotifikat lil ċittadin mill-Istat li minnu jkunu oriġinaw id-dokumenti.

Artikolu 9

Barra minn hekk, kull Stat Kontraenti huwa liberu li juża mezzi konsulari biex jibgħat id-dokumenti bil-għan li jinnotifikahom, lil dawk l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor li jkunu maħtura minn dan tal-aħħar għal dan l-għan.

Kull Stat Kontraenti jista', jekk ċirkostanzi eċċezzjonali jeħtieġu hekk, juża mezzi diplomatiċi għal dan l-iskop.

Artikolu 10

Dejjem jekk l-Istat ta' destinazzjoni ma joġġezzjonax, din il-Konvenzjoni ma tinterferixxix ma' —

a) il-libertà li d-dokumenti ġudizzjarji jintbagħtu bil-posta, direttament lill-persuni barra l-pajjiż,

b) il-libertà ta' uffiċjali ġudizzjarji, uffiċjali jew persuni kompetenti oħra tal-Istat ta' oriġini, li jagħmlu n-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji direttament permezz ta' uffiċjali ġudizzjarji, uffiċjali jew persuni kompetenti oħra tal-Istat ta' destinazzjoni,

c) il-libertà ta' kwalunkwe persuna interessata fi proċeduri ġudizzjarji li tagħmel notifika ta' dokumenti ġudizzjarji direttament permezz ta' uffiċjali ġudizzjarji, uffiċjali jew persuni kompetenti oħra tal-Istat ta' destinazzjoni.

Artikolu 11

Din il-Konvenzjoni ma timpedixxix milli żewġ Stati Kontraenti jew aktar jiftiehmu li jippermettu, bl-iskop li jiġu nnotifikati d-dokumneti ġudizzjarji, mezzi ta' trażmissjoni oħra apparti dawk imsemmija fl-Artikoli u, b'mod partikolari, komunikazzjoni diretta bejn l-awtoritajiet rispettivi tagħhom.

Artikolu 12

In-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji li ġejjin minn Stat Kontraenti m'għandhomx jagħtu lok għal pagament jew rimborż ta' taxxi jew spejjeż għas-servizzi mogħtija mill-Istat Membru indirizzat.

L-applikant iħallas jew jirrifondi l-ispejjeż ikkaġunati minn -

a) l-imjieg ta' uffiċjal ġudizzjarju jew ta' persuna kompetenti skont il-liġi tal-Istat ta' destinazzjoni,

b) l-użu ta’ metodu partikolari ta’ notifika.

Artikolu 13

Fejn talba għal notifika tikkonforma mat-termini tal-Konvenzjoni attwali, l-Istat indirizzat jista' jirrifjuta li jikkonforma magħha biss jekk iqis li l-konformità tkun qed tikser is-sovranità jew is-sigurtà tiegħu.

Huwa ma jistax jirrifjuta li jikkonforma minħabba l-uniku l-fatt li għax skont il-liġi interna tiegħu, għandu il-ġurisdizzjoni esklussiva fuq il-kontenut tas-suġġett tal-azzjoni, jew għax il-liġi interna tiegħu ma tippermettix l-azzjoni li fuqha l-applikazzjoni hija bbażata.

L-Awtorità Ċentrali, quddiem każ ta’ rifjut, tinforma minnufih lill-applikant u tistqarr ir-raġunijiet tar-rifjut.

Artikolu 14

Diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu minħabba t-trażmissjoni ta' notifika għal dokumenti ġudizzjarji jiġu solvuti permezz ta’ mezzi diplomatiċi.

Artikolu 15

Meta ċitazzjoni jew dokument ekwivalenti kellhom jiġu trażmessi barra mill-pajjiż bil-għan ta' notifika, skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, u l-konvenut ma jkunx deher, is-sentenza ma tinqatax qabel ma jkun stabbilit li -

a) id-dokument kien innotifikat permezz ta’ metodu preskritt mil-liġi interna tal-Istat indirizzat għan-notifika ta’ dokumenti f’azzjonijiet domestiċi għal persuni li jinsabu fit-territorju tiegħu; jew

b) id-dokument kien fil-fatt twassal lill-konvenut jew fir-residenza tiegħu b’mezz ieħor previst minn din il-Konvenzjoni;

u li f'xi wieħed minn dawn il-każijiet in-notifika jew il-konsenja saret fi żmien suffiċjenti sabiex il-konvenut ikunu jista' jiddefendi lilu nnifsu.

Kull Stat Kontraenti huwa liberu li jiddikjara li l-imħallef, independentament mid-dispożizzjonijiet tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, jista' jagħti s-sentenza wkoll jekk l-ebda ċertifikat ta' notifika jew ta' konsenja ma jkun irċevut, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin -

a) id-dokument ikun trasmess permezz ta’ wieħed mill-metodi previsti f’din il-Konvenzjoni,

b) ikun għadda perjodu ta’ żmien ta’ mhux anqas minn sitt xhur, kif ikkunsidrat xieraq mill-imħallef fil-każ partikolari, mid-data tat-trasmissjoni tad-dokument;

c) ma jkun wasal l-ebda tip ta’ ċertifikat, għalkemm ikun sar kull sforz raġonevoli biex dan jinkiseb permezz tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat indirizzat.

Indipendentament mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi preċedenti, l-imħallef jista' jordna, f'każ ta' urġenza, kull miżura proviżorja jew protettiva.

Artikolu 16

Meta ċitazzjoni jew dokument ekwivalenti kellhom jiġu trażmessi barra mill-pajjiż bil-għan ta' notifika, skont id-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni, u sentenza tkun inqatgħet kontra konvenut li ma jkunx mar, l-imħallef ikollu s-setgħa li jeħles lill-konvenut mill-effetti ta' skadenza għall-appell mis-sentenza jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin jintlaħqu -

a) il-konvenut, mingħajr ma jkollu ħtija, ma jkunx jaf bid-dokument fi żmien biżżejjed biex jiddefendi ruħu, jew ma jkunx jaf bis-sentenza fi żmien biżżejjed biex jappella; u

b) il-konvenut juri li għandu eċċezzjonijiet *prima facie* xi jressaq kontra l-meritu tal-azzjoni.

It-talba għall-ħelsien mill-iskadenza għall-appell tista' titressaq fi żmien raġonevoli wara li l-konvenut ikun sar jaf bis-sentenza.

Kull Stat Kontraenti jista' jiddikjara li l-applikazzjoni mhux se tkun aċċettata jekk tkun ippreżentata wara li jiskadi ż-żmien li għandu jkun mistqarr fid-dikjarazzjoni, li madankollu f'kull każ m'għandux ikun ta' inqas minn sena wara d-data tas-sentenza.

Dan l-Artikolu ma japplikax għal sentenzi dwar l-istatus jew il-kapaċità ta' persuni.

KAPITOLU II — ID-DOKUMENTI EXTRAĠUDIZZJARJI

Artikolu 17

Dokumenti exraġudizzjarji li joħorġu mill-awtoritajiet u mill-uffiċjali ġudizzjarji ta' Stat Kontraenti jistgħu jiġu trażmessi għal notifika fi Stat Kontraenti ieħor bil-metodi u skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni attwali.

KAPITOLU III - KLAWSOLI ĠENERALI

Artikolu 18

Kull Stat Kontraenti jista' jaħtar awtoritajiet oħra minbarra l-Awtorità Ċentrali u jiddetermina sa fejn twassal il-kompetenza tagħhom.

L-applikant, madankollu, fil-każijiet kollha, għandu dritt li jindirizza talba direttament lill-Awtorità Ċentrali.

L-Istati Federali huma ħielsa li jaħtru iktar minn Awtorità Ċentrali waħda.

Artikolu 19

Sal-punt li l-liġi interna ta' Stat Kontraenti tippermetti metodi tat-trażmissjoni, apparti dawk ipprovvduti fl-Artikoli preċedenti, ta' dokumenti li jaslu minn barra għal notifika ġewwa t-territorju tiegħu, il-Konvenzjoni attwali ma taffettwax dispożizzjonijiet bħal dawn.

Artikolu 20

Din il-Konvenzjoni ma tipprevjenix ftehim bejn kwalunkwe żewġ Stati Kontraenti jew aktar sabiex jieħdu dispensa minn —

a) il-ħtieġa għal żewġ kopji għal dokumenti trażmessi kif mitlub fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 3,

b) il-ħtiġiet tal-lingwa fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 u l-Artikolu 7,

c) id-dispożizzjonijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 5,

d) id-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 12.

Artikolu 21

Kull Stat Kontraenti, fil-ħin tad-depożitu tal-istrument tiegħu ta' ratifika jew adeżjoni, jew f'data aktar tard, jgħarraf lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi b'dan li ġej -

a) l-awtoritajiet maħturin, skont l-Artikoli 2 u 18,

b) l-awtorità maħtura li għandha l-kompetenza toħroġ iċ-ċertifikat skont l-Artikolu 6,

b) l-awtorità maħtura li għandha l-kompetenza tirċievi d-dokumenti trażmessi permezz ta' mezzi konsulari skont l-Artikolu 9,

Kull Stat Kontraenti bl-istess mod jgħarraf lill-Ministeru, fejn xieraq, —

a) bl-oppożizzjoni għall-użu ta' metodi ta' trażmissjoni skont l-Artikoli 8 u 10,

b) bid-dikjarazzjonijiet skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 15 u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 16,

c) bil-modifiki kollha fil-ħatriet, l-oppożizzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet ta' hawn fuq.

Artikolu 22

Meta Partijiet għal din il-Konvenzjoni huma wkoll Partijiet f'waħda jew fiż-żewġ Konvenzjonijiet dwar il-Proċedura Ċivili iffirmati fl-Aja nhar is-17 ta' Lulju 1905, u fl-1 ta' Marzu 1954, din il-Konvenzjoni tieħu post l-Artikoli 1 sa 7 tal-Konvenzjonijiet preċedenti.

Artikolu 23

Il-Konvenzjoni attwali ma taffettwax l-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni dwar il-Proċedura Ċivili iffirmata fl-Aja nhar is-17 ta' Lulju 1905, jew l-Artikolu 24 tal-Konvenzjoni dwar il-proċedura ċivili iffirmata fl-Aja fl-1 ta' Marzu 1954.

Dawn l-Artikoli, madankollu, japplikaw biss jekk il-metodi ta' komunikazzjoni, identiċi għal dawk li hemm stipulati f'dawn il-konvenzjonijiet, huma użati.

Artikolu 24

Ftehimiet supplimentari bejn il-Partijiet għall-Konvenzjonijiet tal-1905 u l-1954 jitqiesu bħala applikabbli bl-istess mod għal din il-Konvenzjoni, sakemm il-Partijiet ma jiftehmux mod ieħor.

Artikolu 25

Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 22 u 24, din il-Konvenzjoni ma tidderogax minn Konvenzjonijiet li fihom dispożizzjonijiet dwar kwistjonijiet irregolati minn din il-Konvenzjoni li għalihom l-Istati Kontraenti huma, jew se jsiru, Partijiet.

Artikolu 26

Din il-Konvenzjoni tinfetaħ għall-iffirmar tal-Istati rrappreżentati fl-għaxar sessjoni tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

Hija tiġi rratifikata, u l-istrumenti ta' ratifika jiġu ddepositati mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Artikolu 27

Il-Konvenzjoni attwali tidħol fis-seħħ fis-sittin jum wara d-depożitu tat-tielet strument ta' ratifika msemmi fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 26.

Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għal kull Stat firmatarju li jirratifikaha sussegwentement fis-sittin jum wara d-depożitu tal-istrument tiegħu tar-ratifika.

Artikolu 28

Kull Stat li mhux irrappreżentat waqt l-għaxar sessjoni tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat jista' jaderixxi ma' din il-Konvenzjoni wara li tkun daħlet fis-seħħ skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27. L-istrument ta' adeżjoni jiġi ddepositat mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għal dan l-Istat fin-nuqqas ta' kwalunkwe oġġezzjoni minn Stat li jkun irratifika l-Konvenzjoni qabel dan id-depożitu, innotifikat lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi fi żmien sitt xhur mid-data li fiha l-imsemmi Ministeru jkun innotifikah b'din l-adeżjoni.

Fin-nuqqas ta' kwalunkwe oġġezzjoni bħal din, din il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ għall-Istat aderenti fl-ewwel jum tax-xahar wara li jiskadi l-aħħar perjodu minn dawk imsemmija fil-paragrafu preċedenti.

Artikolu 29

Kwalunkwe Stat jista', fil-waqt tal-firma, tar-ratifika jew tal-adeżjoni, jiddikjara li l-Konvenzjoni attwali testendi għat-territorji kollha li għalihom huwa responsabbli fir-relazzjonijiet internazzjonali, jew għal wieħed jew aktar minnhom. Dikjarazzjoni bħal din tidħol fis-seħħ fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni għall-Istat ikkonċernat.

Suċċessivament, tali estensjonijiet jiġu nnotifikati lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Il-Konvenzjoni, f'estensjoni bħal din, tidħol fis-seħħ għat-territorji msemmija fis-sittin jum wara n-notifika msemmija fil-paragrafu preċedenti.

Artikolu 30

Il-Konvenzjoni attwali tibqa' fis-seħħ għal ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27, anki għall-Istati li rratifikawha jew aderixxew magħha sussegwentement.

Jekk ma kien hemm l-ebda denunzja, tiġi mġedda b'mod taċitu kull ħames snin.

Kull denunzja għandha tiġi nnotifikata lill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi mill-anqas sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin.

Tista' tkun limitata għal ċerti territorji li għalihom tapplika l-Konvenzjoni.

Id-denunzja għandu jkollha effett biss fir-rigward tal-Istat li nnotifikaha. Il-Konvenzjoni tibqa' fis-seħħ għall-Istati Kontraenti oħra.

Artikolu 31

Il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi javża lill-Istati msemmija fl-Artikolu 26 u lill-Istati li jkunu aderixxew skont l-Artikolu 28 b'dan li ġej —

a) il-firem u r-ratifiki li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 26;

b) id-data li fiha l-Konvenzjoni attwali tidħol fis-seħħ skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27;

c) l-adeżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28 u d-dati li fihom jidħlu fis-seħħ;

d) l-adeżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29 u d-dati li fihom jidħlu fis-seħħ;
e) il-ħatriet, l-oppożizzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 21;
f) id-denunzji msemmija fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 30.
B'xhieda ta' dan, il-firmatarji, bl-awtorizzazzjoni meħtieġa, iffirmaw din il-Konvenzjoni.
Magħmul fl-Aja, fil-15-il jum ta' Novembru tal-1965, fl-ilsien Ingliż u Franċiż, biż-żewġ testi jkunu awtentiċi ndaqs, b'kopja waħda li tiġi ddepożitata fl-arkivji tal-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, u li tagħha kopja ċertifikata tintbagħat, permezz ta' mezz diplomatiku, lil kull Stat irrappreżentat waqt l-għaxar sessjoni tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

ANNESS II

Dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri

L-Awstrija tagħmel id-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

(…)

u

Malta tagħmel id-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

Skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, il-Gvern ta’ Malta jiddikjara li hu jopponi n-notifika ta’ dokumenti ġewwa t-territorju ta’ Malta li ssir direttament permezz ta’ aġenti diplomatiċi jew konsulari ta’ Stati Kontraenti oħra, skont l-ewwel paragrafu tal-imsemmi Artikolu 8, jekk mhux għaċ-ċittadin tal-Istat Kontraenti li jeffettwa tali notifika.

Skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni, il-Gvern ta’ Malta jiddikjara li hu jopponi l-użu ta' metodi ta' trażmissjoini u ta' notifika ta' dokumenti imsemmi f'dan l-Artikolu 10, minn Stati Kontraenti oħra fit-territorju tiegħu.